______________________________

Prim Ministru

______________________________

Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika

______________________________

Chairperson, Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi

A.L. XXX tal-2025

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**

**(KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2025 li Jistabbilixxu l-Park Marittimu taċ-Ċirkewwa**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu u skop.**

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2025 li Jistabbilixxu l-Park Marittimu taċ-Ċirkewwa.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huma li jiġi stabbilit il-Park Marittimu taċ-Ċirkewwa li jinsab fil-limiti taċ-Ċirkewwa / Il-Qammieħ, li jinsab fiż-Żona ta' Protezzjoni Speċjali (SPA) magħrufa bħala Żona fil-Baħar madwar Għawdex (MT0000112).

**Tifsir.**

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

**Kap. 549.**

"Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent;

"Park Marittimu" tfisser il-Park Marittimu taċ-Ċirkewwa;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent.

**Dikjarazzjoni tal-Park.**

**3.** Il-Ministru b'dan tiddikjara l-istabbiliment tal-Park Marittimu li jinsab fil-Grigal ta' Malta, kif delineat fil-mappa tas-sit fl-Iskeda. Il-Park Marittimu għandu jservi sabiex jippromwovi u jikkonserva l-karatteristiċi ekoloġiċi u naturali filwaqt li jiffaċilita l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-Park Marittimu għar-rikreazzjoni u attivitajiet oħra xierqa.

**Skeda**